Direttorat Ġenerali għall-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju (DEFIS)

Pubblikazzjoni ta' post vakanti għall-kariga ta' Direttur għall-Affarijiet Ġenerali u r-Riżorsi (DEFIS.R)
(Grad AD14)

(L-Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal)

COM/2026/10491

Min aħna

Id-Direttorat Ġenerali għall-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju (DĠ DEFIS) imexxi l-attivitajiet tal-Kummissjoni Ewropea fis-setturi tal-industrija tad-difiża u tal-ispazju Ewropej. Id-DĠ DEFIS jimplimenta l-Programm Spazjali tal-Unjoni u jiżgura industrija tad-difiża innovattiva u kompetittiva.

Id-Direttorat DEFIS.R "Riżorsi u Affarijiet Ġenerali" huwa responsabbli fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għall-iżgurar tal-koordinazzjoni u l-koerenza fl-implimentazzjoni tal-politiki tad-difiża u tal-ispazju. Huwa jipprovdi ġestjoni komprensiva tar-riżorsi u appoġġ għall-attivitajiet tad-DĠ DEFIS. Jipprovdi wkoll funzjonijiet orizzontali essenzjali inklużi l-kooperazzjoni internazzjonali, l-appoġġ legali, il-ġestjoni finanzjarja, il-kontroll intern, il-komunikazzjoni, ir-riżorsi umani u l-ippjanar. Huwa magħmul minn 75 membru tal-persunal, maqsuma fi 3 unitajiet.

Id-Direttorat jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mad-direttorati l-oħra biex iwettaq il-missjoni tiegħu.

X'qed nipproponu

Rwol ta' tmexxija b'impatt għoli fil-qalba tad-Direttorat Ġenerali għall-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju (DEFIS) tal-Kummissjoni Ewropea, fejn int issawwar id-direzzjoni strateġika tal-affarijiet ġenerali, ir-riżorsi, u l-appoġġ operazzjonali għal wieħed mill-aktar oqsma ta' politika dinamiċi tal-UE.

Id-Direttur futur DEFIS.R se jiżgura l-ġestjoni tajba tad-Direttorat, jipprovdi orjentazzjoni strateġika ġenerali lid-Direttorat, kif ukoll jippjana u jsegwi l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tiegħu; b'mod partikolari:

- Jidderieġi d-Direttorat għall-Affarijiet Ġenerali u r-Riżorsi, filwaqt li jiżgura ppjanar, koordinazzjoni u eżekuzzjoni effiċjenti tal-attivitajiet taħt id-Deputat Direttur Ġenerali (DDĠ) għall-Ispazju u r-Riżorsi.
- Jixpruna kultura ta' tim moderna u miftuħa, irawwem l-innovazzjoni, l-iżvilupp tat-talenti, u l-kollaborazzjoni bejn id-direttorati.
- Jissorvelja l-ippjanar tal-kontinwità tal-operat (BCP) u s-sistemi ta' kontroll intern, filwaqt li jiżgura l-konformità mal-istandards tal-Kummissjoni tal-UE.
- Jaġixxi bħala uffiċjal awtorizzanti, jimmaniġġja r-riżorsi finanzjarji u amministrattivi tad-DĠ, inklużi l-eżekuzzjoni tal-baġit, l-akkwist, u l-proċeduri ta' kwittanza.
- Iwettaq superviżjoni tal-oqfsa ta' kontroll intern għal kwistjonijiet finanzjarji u legali, filwaqt li jiżgura t-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-ġestjoni tar-riskju.
- Jissorvelja l-iżvilupp tal-Pjan ta' Ġestjoni Annwali u tar-Rapport Annwali, filwaqt li jallinja mal-objettivi strateġiċi tad-DĠ DEFIS fid-difiża u fl-ispazju.
- Jirrappreżenta lid-DĠ f'fora interni/esterni ta' livell għoli, inklużi l-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-industriji, u partijiet ikkonċernati oħra.
- Jappoġġa lid-DĠ u lid-DDĠ fin-negozjati u fis-segwitu tal-ftehimiet internazzjonali fl-industrija spazjali u tad-difiża.
- Imexxi u jikkoordina l-ħidma orizzontali tad-DĠ DEFIS dwar is-sigurtà ekonomika, inkluż il-koordinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet dwar il-fajls tal-iskrinjar tal-Investimenti Diretti Barranin (IDB), l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika, u s-sorveljanza tal-ħidma relatata mal-Osservatorju dwar it-Teknoloġiji Kritiċi u l-valutazzjonijiet tar-riskju teknoloġiku

assoċjati, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, is-SEAE, l-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra.
- Jissorvelja l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni interna u esterna tad-DĠ.

X'qegħdin infittxu (il-kriterji ta' selezzjoni)

Mexxej viżjonarju b'esperjenza b'rekord ippruvat fil-ġestjoni strateġika, l-allokazzjoni tar-riżorsi, u l-governanza istituzzjonali, flimkien ma' fehim profond tal-politiki tal-UE fid-difiża, l-ispazju, jew setturi relatati.

Il-kandidati għandu jkollhom:

<u>Kwalitajiet personali</u>

- Reżiljenza u adattabbiltà, b'kapaċità ppruvata li jirnexxu f'ambjenti ta' pressjoni għolja u jeżerċitaw ġudizzju sod f'sitwazzjonijiet politikament sensittivi.
- Ħsieb strateġiku u kapaċitajiet ta' soluzzjoni tal-problemi, b'approċċ reżiljenti, innovattiv, xprunat mis-soluzzjonijiet u adattabbli għal ambjenti bi pressjoni għolja.
- Empatetiċi u inklużivi, li jrawwmu l-fiduċja u l-kollaborazzjoni permezz ta' ħiliet interpersonali u ta' kondiviżjoni tal-għarfien b'saħħithom.
- Ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni u negozjar, inkluża l-kapaċità li jippresiedu l-laqgħat, jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati, jibnu kunsens fost pożizzjonijiet diverġenti, u jirrappreżentaw lid-DĠ f'livelli għolja fil-Kummissjoni jew barra minnha.

<u>Ħiliet u esperjenza speċjalizzati</u>

- Għarfien espert ippruvat fil-ġestjoni finanzjarja/baġitarja, fl-akkwist, jew fil-governanza amministrattiva, preferibbilment f'kuntest tal-UE jew internazzjonali.
- Għarfien profond tar-regolamenti finanzjarji tal-UE, il-proċeduri tal-akkwist, u ċ-ċikli ta' programmazzjoni tal-Kummissjoni.
- Esperjenza fil-koordinazzjoni tal-politika, fl-oqfsa legali/ta' konformità, u fil-kooperazzjoni internazzjonali, b'mod partikolari fis-setturi tad-difiża, tal-ispazju jew tas-sigurtà.
- Fehim tajjeb tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika, il-kwistjonijiet ta' politika dwar it-teknoloġiji kritiċi u emerġenti, u l-interazzjoni bejn il-ftuħ, il-kompetittività u s-sigurtà fil-qafas ta' politika tal-UE.
- L-esperjenza fis-sigurtà ekonomika, inkluż l-esponiment għall-iskrinjar tal-IDB, it-teknoloġiji kritiċi, l-analiżi tar-riskju, ir-reżiljenza jew l-oqfsa regolatorji/ta' politika relatati, tkun ta' vantaġġ qawwi.
- Il-familjarità mal-industrija tad-difiża, il-politika spazjali, jew l-oqfsa tas-sigurtà tal-UE kif ukoll l-esperjenza preċedenti fl-istituzzjonijiet, l-aġenziji, jew l-organizzazzjonijiet internazzjonali Ewropej se jitqiesu bħala assi.

<u>Ħiliet fil-ġestjoni</u>

- Ħiliet eċċellenti ta' tmexxija u ta' ġestjoni tal-persuni, inkluża l-kapaċità li jispiraw timijiet multidixxiplinari, irawmu l-inklużjoni, jallokaw il-kompiti b'mod effettiv u jagħtu riżultati taħt pressjoni.
- Fehim qawwi tal-ġestjoni tar-Riżorsi Umani (HR), inkluži r-regolamenti tal-persunal, l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni, u t-tmexxija tat-tim.
- Taħriġ b'saħħtu u ħiliet ta' żvilupp tal-persunal, li jallinjaw l-istrateġiji tar-riżorsi umani mal-għanijiet organizzattivi.
- Il-kapaċità li jirrappreżenta lid-Direttorat Ġenerali fil-livelli għolja, li jittratta kwistjonijiet politikament sensittivi bid-diplomazija u bl-awtorità.

- Ikun strutturat u ffukat fuq l-effiċjenza, b'kapaċità qawwija li jissodisfa l-iskadenzi, jiżgura l-kwalità, u jottimizza r-riżorsi, inklużi l-għodod tal-ippjanar baġitarju.

Approvazzjoni ta' sigurtà: Id-detentur tal-impjieg se jkun meħtieġ jgħaddi minn skrutinju tas-sigurtà jekk ma jkollux diġà approvazzjoni tas-sigurtà f'livell xieraq (Secret UE/EU Secret), f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tas-sigurtà.

Kundizzjonijiet ta' ammissjoni (ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà)

Il-kandidati se jiġu kkunsidrati għall-fażi ta' selezzjoni fuq il-bażi tar-rekwiżiti formali li ġejjin, li jridu jkunu ntlaħqu **sa meta jagħlqu l-applikazzjonijiet**:

- Ċittadinanza: il-kandidati jridu jkunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

- Lawrja jew diploma tal-università: il-kandidati jrid ikollhom:

  - livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma u ċċertifikati b'diploma, meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' 4 snin jew aktar;

  - jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ċċertifikati b'diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' minn tal-anqas sena meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun minn tal-anqas tliet snin (din is-sena ta' esperjenza professjonali ma tistax tkun inkluża fl-esperjenza professjonali postgradwatorja meħtieġa hawn taħt).

  Għandhom jitqiesu biss diplomi li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li jkunu s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġin mill-awtoritajiet ta' wieħed minn dawn l-Istati Membri.

- Esperjenza professjonali: il-kandidati jrid ikollhom mill-inqas 15-il sena esperjenza professjonali postgradwatorja[1] f'livell li l-kwalifiki msemmija hawn fuq jagħtu aċċess għalih.

- Esperjenza ta' ġestjoni: iridu jkunu nkisbu minn tal-inqas 5 snin esperjenza professjonali postgradwatorja f'pożizzjoni maniġerjali ta' livell għoli[2].

- Lingwi: il-kandidati jrid ikollhom għarfien sod ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea[3] u għarfien sodisfaċenti[4] ta' lingwa oħra minn dawn il-lingwi uffiċjali. Matul l-intervista/intervisti, il-bordijiet ta' selezzjoni jivverifikaw jekk il-kandidati jikkonformawx mar-rekwiżit ta' għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE[5]. Dan jista' jinkludi li l-intervista, (jew parti minnha), issir f'din il-lingwa l-oħra.

---

1 L-esperjenza professjonali titqies biss jekk tirrappreżenta relazzjoni ta' ħidma konkreta li tkun definita bħala ħidma reali u ġenwina, bi ħlas u bħala impjegat (kwalunkwe tip ta' kuntratt) jew fornitur ta' servizz. L-attivitajiet professjonali li jkunu saru fuq bażi part-time għandhom jiġu kkalkulati pro rata, abbażi tal-perċentwal iċċertifikat ta' sigħat full-time li jkunu nħadmu. Il-leave tal-maternità/tal-ġenituri/għall-adozzjoni jitqies jekk ikun fil-qafas ta' kuntratt ta' xogħol. Il-PhDs jiġu assimilati ma' esperjenza professjonali, anke meta ma jkunux imħallsin, iżda għal durata massima ta' 3 snin, dment li l-PhD tkun inkisbet b'suċċess. Perjodu partikolari jista' jingħadd darba biss.

2 Il-kandidati għandhom jindikaw b'mod ċar fil-curriculum vitae tagħhom is-snin kollha li matulhom tkun inkisbet l-esperjenza maniġerjali: (1) it-titlu u r-rwol tal-pożizzjonijiet maniġerjali li okkupaw; (2) l-għadd ta' persunal li kellhom taħthom f'dawn il-pożizzjonijiet; (3) id-daqs tal-baġits ġestiti; (4) l-għadd ta' saffi ġerarkiċi fuqhom u taħthom; u (5) in-numru ta' pari.

3 http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:01958R0001-20130701&qid=1408533709461&from=ENhttps://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01958R0001-20130701
Mill-inqas il-livell B2 tal-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi (QKERL) - https://europass.europa.eu/en/common-european-framework-reference-language-skills

5 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140701

- Età massima: il-kandidati ma jridux ikunu laħqu l-età regolari tal-irtirar, li għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea hija definita bħala l-aħħar tax-xahar li fih il-persuna tilħaq l-età ta' 66 sena (ara l-Artikolu 52(a) tar-Regolamenti tal-Persunal[6]).

Selezzjoni u ħatra

Is-selezzjoni u l-ħatra jsiru skont il-proċeduri tas-selezzjoni u tar-reklutaġġ tal-Kummissjoni Ewropea (ara: Dokument dwar il-Politika għall-Uffiċjali f'Karigi Għolja [7]).

Bħala parti minn din il-proċedura ta' selezzjoni, il-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi bord tal-preselezzjoni. Dan il-bord janalizza l-applikazzjonijiet kollha, jipproċedi bl-ewwel verifika tal-eliġibbiltà u jidentifika l-kandidati li jkollhom l-aħjar profil fid-dawl tal-kriterji ta' selezzjoni msemmija hawn fuq, u li jistgħu jiġu mistiedna għal intervista mal-bord tal-preselezzjoni. Il-kandidati jistgħu jintalbu jipprovdu dokumenti li jsostnu l-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni tagħhom fi kwalunkwe mument tal-proċedura. Jekk ma jipprovdux dawn id-dokumenti sal-iskadenza stabbilita fit-talba, jistgħu jiġu eskluży mis-selezzjoni.

B'segwitu ta' dawn l-intervisti, il-bord tal-preselezzjoni jfassal il-konklużjonijiet tiegħu u jipproponi lista ta' kandidati għal aktar intervisti mal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Ħatriet (CCA - Consultative Committee on Appointments) tal-Kummissjoni Ewropea. Is-CCA, filwaqt li jqis il-konklużjonijiet tal-bord tal-preselezzjoni, jiddeċiedi dwar il-kandidati li għandhom jiġu mistiedna għal intervista.

Il-kandidati li jkunu mistiedna għal intervista mas-CCA jipparteċipaw għal ġurnata sħiħa f'ċentru ta' evalwazzjoni tal-ħiliet maniġerjali mmexxi minn konsulenti tar-reklutaġġ esterni. Fuq il-bażi tar-riżultati tal-intervista u r-rapport taċ-ċentru ta' evalwazzjoni, is-CCA jistabbilixxi lista qasira tal-kandidati li jqis li jkunu xierqa biex jaqdu l-funzjoni.

Il-kandidati fil-lista l-qasira tas-CCA jiġu intervistati mill-Membru/Membri rilevanti tal-Kummissjoni.

Wara dawn l-intervisti, il-Kummissjoni Ewropea tieħu d-deċiżjoni dwar il-ħatra.

Il-persuna magħżula trid tkun wettqet kull obbligu impost mil-liġi dwar is-servizz militari, tipproduċi r-referenzi adattati dwar il-karattru rigward l-idoneità tagħha għat-twettiq tad-dmirijiet tagħha, u għandha tkun fiżikament f'saħħitha biex twettaq id-dmirijiet tagħha.

Il-persuna magħżula jenħtieġ li jkollha, jew tkun f'pożizzjoni, li tikseb ċertifikat validu ta' approvazzjoni tas-sigurtà mingħand l-awtorità tas-sigurtà nazzjonali tagħha. Approvazzjoni ta' sigurtà personali hija deċiżjoni amministrattiva wara investigazzjoni ta' sigurtà mwettqa mill-awtorità tas-sigurtà nazzjonali kompetenti tal-persuna f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali applikabbli tas-sigurtà, u li tiċċertifika li persuna tkun tista' tingħata aċċess għal informazzjoni klassifikata sa livell speċifikat. (Ta' min jinnota li l-proċedura neċessarja biex tinkiseb approvazzjoni tas-sigurtà tista' tibda biss wara li ssir talba mill-impjegatur, u mhux mill-kandidat individwali).

Sakemm l-approvazzjoni tas-sigurtà personali ma tkunx għadha ngħatat mill-Istat Membru kkonċernat u l-proċedura ta' awtorizzazzjoni ma tkunx kompluta bl-informazzjoni legalment meħtieġa mid-Direttorat tas-Sigurtà tal-Kummissjoni Ewropea, il-kandidat ma jkunx jista' jaċċessa Informazzjoni Klassifikata tal-UE (EU Classified Information, EUCI) fil-livell ta' CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ogħla, u lanqas jattendi laqgħat li fihom tiġi diskussa tali EUCI.

---

6 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140701

7 https://commission.europa.eu/publications/documents-senior-management-selection-procedures_en (jeżisti biss bl-Ingliż)

Opportunitajiet Indaqs

F'konformità mal-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Kummissjoni Ewropea għandha l-objettiv strateġiku li tikseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-livelli kollha tal-maniġment u tapplika politika ta' opportunitajiet indaqs li tinkoraġġixxi l-applikazzjonijiet li jistgħu jikkontribwixxu għal aktar diversità, ugwaljanza bejn il-ġeneri u bilanċ ġeografiku ġenerali.

Kundizzjonijiet tal-impjieg

Is-salarji u l-kundizzjonijiet tal-impjieg huma stipulati fir-Regolamenti tal-Persunal.

Il-persuna magħżula se tiġi reklutata bħala uffiċjal fil-grad AD14 u se tiġi kklassifikata skont it-tul tal-esperjenza professjonali preċedenti tagħha fl-iskala 1 jew fl-iskala 2 f'dak il-grad.

Il-persuna magħżula għandha tieħu nota tar-rekwiżit, skont ir-Regolamenti tal-Persunal, li kull membru ġdid tal-persunal għandu jtemm b'suċċess perjodu ta' prova ta' disa' xhur.

Il-post tal-impjieg huwa Brussell, il-Belġju.

Indipendenza u dikjarazzjoni ta' interessi

Il-kandidati jridu jressqu dikjarazzjoni, li fiha jimpenjaw ruħhom li jaġixxu b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u jiddikjaraw kwalunkwe interess li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom.

Informazzjoni importanti għall-kandidati

Il-kandidati huma mfakkra li x-xogħol tal-bordijiet ta' selezzjoni huwa kunfidenzjali. Il-kandidati ma jistgħux jagħmlu kuntatt dirett jew indirett mal-membri individwali tagħhom, u lanqas ma jista' jagħmel hekk ħaddieħor f'isimhom. Kull mistoqsija għandha tiġi indirizzata lis-segretarjat tal-bord rilevanti.

Protezzjoni ta' data personali

Il-Kummissjoni se tiżgura li d-data personali tal-kandidati tiġi pproċessata skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8]. Dan japplika b'mod partikolari għall-kunfidenzjalità u għas-sigurtà ta' din id-data.

[8] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE EC (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Proċedura ta' applikazzjoni

Qabel tibgħat l-applikazzjoni tiegħek, jenħtieġ li tivverifika b'attenzjoni jekk tissodisfax ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà kollha ("Kundizzjonijiet għall-kandidati"), b'mod partikolari fir-rigward tat-tipi ta' diplomi, l-esperjenza professjonali ta' livell għoli kif ukoll il-kapaċità lingwistika meħtieġa. Kwalunkwe persuna interessata li ma tissodisfax xi wieħed mir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà tiġi awtomatikament eskluża mill-proċedura tas-selezzjoni.

Jekk tkun trid tapplika, trid tirreġistra permezz tal-Internet fuq is-sit web li ġej u ssegwi l-istruzzjonijiet li jirrigwardaw id-diversi stadji tal-proċedura:

https://ec.europa.eu/dgs/human-resources/seniormanagementvacancies/

Irid ikollok indirizz tal-email validu. Dan se jintuża biex tiġi kkonfermata r-reġistrazzjoni tiegħek kif ukoll biex jinżamm kuntatt miegħek matul l-istadji differenti tal-proċedura. Għaldaqstant nitolbuk iżżomm lill-Kummissjoni Ewropea infurmata bi kwalunkwe bidla fl-indirizz tal-email tiegħek.

Biex timla l-applikazzjoni tiegħek, trid ittella' CV f'format PDF, preferibbilment billi tuża l-format tas-CV tal-Europass[9], u tikteb ittra ta' motivazzjoni online (massimu ta' 8 000 karattru). Is-CV u l-ittra ta' motivazzjoni tiegħek jistgħu jintbagħtu bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa fl-interess tiegħek li tiżgura li l-applikazzjoni tiegħek tkun preċiża, dettaljata u veritiera.

Ladarba tkun lestejt ir-reġistrazzjoni online tiegħek, se tirċievi ittra elettronika li tikkonferma li l-applikazzjoni tiegħek ġiet irreġistrata. **Jekk ma tirċievi l-ebda konferma bl-email, l-applikazzjoni tiegħek ma tkunx ġiet irreġistrata!**

Kun af li mhuwiex possibbli li ssegwi l-progress tal-applikazzjoni tiegħek online. Il-Kummissjoni Ewropea tikkuntattjak direttament rigward l-istatus tal-applikazzjoni tiegħek.

Applikazzjonijiet li jintbagħtu bl-email mhux se jiġu aċċettati. Jekk tkun teħtieġ iktar informazzjoni u/jew tiltaqa' ma' problemi tekniċi jekk jogħġbok ibgħat email lil: HR-MANAGEMENT-ONLINE@ec.europa.eu

Hija r-responsabbiltà tiegħek li timla r-reġistrazzjoni online fil-ħin. Nagħtuk parir li ma tħallix għall-aħħar jiem biex tapplika, minħabba li traffiku qawwi fuq l-Internet jew xi problema fil-konnessjoni tal-Internet tiegħek jistgħu jwasslu biex ir-reġistrazzjoni online tintemm qabel ma tkun lestejtha, u b'hekk ikollok tirrepeti l-proċess kollu. Ladarba tinqabeż l-iskadenza biex jintbagħtu r-reġistrazzjonijiet, inti ma tkunx tista' ddaħħal aktar informazzjoni. Ir-reġistrazzjonijiet li jaslu tard mhux se jiġu aċċettati.

Data tal-għeluq

Id-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni hija t-**18/12/2026, 12.00 nofsinhar, ħin ta' Brussell**, u wara din l-iskadenza ma jkunx aktar possibbli li tirreġistra.

[9] Tista' ssib informazzjoni dwar kif toħloq is-CV tal-Europass tiegħek online hawnhekk: https://europa.eu/europass/mt/create-europass-cv